MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 938/2010

**Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**Direttur tal-Ufficcju tal-Kompetizzjoni Gusta u l-Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tal-Korporazzjoni Enemalta pprezentat fis-17 ta' Settembru 2010 fejn il-Korporazzjoni rikorrenti illi wara li ppremettiet illi:-

1. Permezz ta' ittra tal-1 ta' April 2009 mibghuta ai termini tal-Artikolu 13A(1) tal-Att dwar il-Kompetizzjoni (Kapitolu 379 tal-Ligijiet ta' Malta), il-Korporazzjoni rikorrenti talbet lid-Direttur intimat sabiex jirreferi d-decizjoni tal-Ufficcju datata 17 ta' Marzu 2009 ghar-revizjoni tal-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust imwaqqfa bis-sahha tal-Att.

2. Bis-sahha tad-decizjoni moghtija fis-29 ta' Marzu 2010, il-Kummissjoni ddecidiet il-vertenza billi kkonfermat d-decizjoni tad-Direttur intimat datata 17 ta' Marzu 2009 u filwaqt illi rrespingiet r-risposti l-ohra kollha sollevati mill-Korporazzjoni rikorrenti, mill-Awtorità dwar ir-Rizorsi u mill-Avukat Generali, iddikjarat illi l-agir in dizamina jikkostitwixxi akkordju, decizjoni jew prattika li timpedixxi, trazzan jew ixxekkel il-kompetizzjoni gusta f'Malta stante li timpedixxi lis-socjetà lanjanti topera b'mod li l-ligi tal-kompetizzjoni gusta ma ticcensurax; iddikjarat wkoll li tali operat fuq sindikat kif orkestrat mill-GRTU, ipprecipita kemm lill-amministrazzjoni governattiva f'agir anti-kompetittiv ipprojbit anke ai termini tal-Artikolu 9 tal-Kap 379, kif ukoll lill-Awtorità fuq riferita, din tal-ahhar, f'inattività indekoruza, liema azzjoni u ommissjoni rispettivi, huma t-tnejn pprojbiti ai termini tal-Artikolu 5(2) tal-istess Kap fuq indikat billi tali raggir statutorju u inattività regolatrici effettivament illimitaw u kkontrollaw is-suq tal-bejgh tal-karburant kontra l-interess tal-konsumatur; u kkonfermat finalment l-ordni tad-Direttur tal-ufficcju *de quo* rigwardanti l-ordni minnu mahrug ta' waqfien u ebda tkomplija u r-ristrutturar mill-gdid tal-programm ta' kummissjoni li ghandha tinghata, u dan bil-kundizzjonijiet hemm indikati.

3. Illi din id-decizjoni hija manifestament zbaljata fid-dritt in kwantu tmur direttament kontra d-disposizzjonijiet tal-ligi miktub u tonqos kompletament milli tapplika l-ligi vigenti

fiz-zmien in kwistjoni u dana in kwantu l-operat tal-Korporazzjoni rikorrenti sal-1 ta' Mejju 2004 ma kienx sindakabbli taht il-ligi dwar il-kompetizzjoni gusta sakemm eventwalment il-Korporazzjoni rikorrenti saret sindakabbli taht il-Ligi tal-Kompetizzjoni mid-data tal-adezjoni ta' Malta fl-Unjoni Ewropea;

4. Illi kwindi meta attribwiet ir-responsabbilità ghall-agir lanjat dikjarat antikompettiv b'mod indiskriminat lill-intimati kollha, inkluz lill-Korporazzjoni rikorrenti, il-Kummissjoni injorat u b'hekk ivvjolat id-disposizzjonijiet tal-Ligi miktuba;

5. Illi din il-Qorti tirritjeni gurisdizzjoni sabiex f'cirkostanzi bhala dawn tkun tista' tissindika l-operat ta' organu aggudikanti specjali proprju biex jigi assigurat li jkun hemm fil-kaz partikolari osservanza pjena tal-principji ta' gustizzja naturali kif ukoll l-osservanza tal-ligijiet mitkuba;

6. Illi jekk tali decizjoni ma tigix dikjarat nulla u inammissibbli allura l-Korporazzjoni rikorrenti tista' tigi meqjusa minn kull min ghandu interess guridiku rikjest fil-ligi passibbli ghad-danni;

Talbet lil din il-Qorti:

Tiddikjara li d-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust moghtija fid-29 ta' Marzu 2010 kienet fil-konfront taghha bbazata fuq zball tal-ligi li jirrizulta mid-decizjoni stess in kwantu tikser id-disposizzjonijiet tal-ligi miktuba; u konsegwentement talbu dikjarazzjoni ta' nullità u inattendibilità tad-decizjoni moghtija mill-Kummissjoni fil-konfront tal-Korporazzjoni rikorrenti, b'riserva ghal kull azzjoni naxxenti mill-vjolazzjoni tad-drittijiet tal-Korporazzjoni rikorrenti u ta' kull azzjoni ghad-danni spettanti lilha skond il-ligi u bl-ispejjez kollha kontra l-intimati.

Rat l-elenku tad-dokumenti anness mal-istess rikors guramentat kif ukoll il-lista tax-xhieda.

Rat id-dokumenti esebiti flimkien mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimati Direttur tal-Ufficcju tal-Kompetizzjoni Gusta u tal-Avukat Generali pprezentata fid-19 ta’ Ottubru 2010 li permezz taghha gie eccepit:

Illi preliminarjament in-nullità tal-azzjoni odjerna stante illi r-rikors guramentat ma giex ipprecedut minn ittra ufficcjali jew protest gudizzjarju hekk kif stipulat fl-artikolu 460 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili;

Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, id-decizjoni moghtija mill-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust tad-29 ta’ Marzu 2010 hija wahda valida u ma tikkontjeni ebda zball tal-ligi. Illi di fatti d-decizjoni tal-Ufficcju tal-Kompetizzjoni Gusta moghtija fis-17 ta’ Marzu 2009 li giet ikkonfermata fid-decizjoni tal-istess Kummissjoni kienet stqarret li sat-30 ta’ April 2004, il-Korporazzjoni Enemalta kienet ezentata mit-tharis tal-Kapitolu 379 tal-Ligijiet ta’ Malta (l-Att dwar il-Kompetizzjoni).

Rat il-lista tad-dokumenti u tax-xhieda annessi mar-risposta guramentata.

Rat id-dokument anness mar-risposta guramentata.

Rat illi fl-udjenza tal-24 ta’ Novembru 2010 giet irtirata l-ewwel eccezzjoni mressqa mill-intimati stante li l-Korporazzjoni rikorrenti kienet ipprezentat ittra ufficjali.

Rat id-digriet tal-Prim Imhallef datat 29 ta’ Novembru 2011 li permezz tieghu l-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta llum.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-Korporazzjoni rikorrenti u n-nota ta’ sottomissjonijiet responsiva tal-intimati.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi mill-atti processwali jirrizultaw is-segwenti fatti li

qed jigu prodotti f'ordni kronologiku:

(a) illi fl-4 ta' Jannar 2006 id-Direttur intimat kien ircieva ilment minghand is-socjetà Hompesch Station Limited intavolat fil-konfront ta' tlett entitajiet fosthom il-Korporazzjoni rikorrenti u dana rigwardanti arrangamenti milhuqa minnhom mal-GRTU u l-passi sussegwenti li hadu a bazi tal-istess arrangamenti in rapprezentanza tas-sidien tal-pompi tal-petrol rigwardanti d-distribuzzjoni u bejgh ta' prodotti taz-zejt mill-istess pompi tal-petrol. Jirrizulta li kien hemm ftehim konkluz mal-pompi tal-petrol tramite l-GRTU fl-1997 li baqa jigi attwat anke wara d-dhul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea.

(b) illi fis-17 ta' Marzu 2009 id-Direttur intimat iddecieda illi kien hemm ksur tal-Artikolu 8(1) tal-Att dwar il-Kompetizzjoni (Kap 379) fil-konfront tal-Korporazzjoni intimata u konsegwentement ordna l-hrug ta' ordni ta' waqfien u ta' ebda tkomplija;

(c) illi fl-1 ta' April 2009, il-Korporazzjoni rikorrenti kienet talbet li d-decizjoni tad-Direttur intimat tigi mistharrga mill-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust;

(d) Illi fit-3 ta' April 2009, b'rikors appozitu ai termini tal-artikolu 13(A)(1) tal-Kap 379 id-Direttur intimat talab lill-Kummissjoni tistharreg il-kwistjoni;

(e) Illi fid-29 ta' Marzu 2010, il-Kummissjoni emanat id-decizjoni taghha.

Il-Korporazzjoni attrici qed titlob li l-Qorti tvarja decizjoni moghtija mill-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust li kienet ikkonfermat decizjoni tad-Direttur intimat moghtija fuq ilment mressaq minn Hompesch Service Station Limited kontra l-Korporazzjoni rikorrenti, il-Gvern ta' Malta u l-Awtorità Maltija dwar ir-Rizorsi.  Il-bazi tal-azzjoni odjerna mhuwiex l-apprezzament tal-fatti izda hija bazata fuq l-argument li d-decizjoni tal-Kummissjoni ma tiswiex ghaliex hija zbaljata fid-dritt in kwantu tmur direttament kontra d-disposizzjonijiet tal-

Ligi miktuba u tonqos milli tapplika l-ligi vigenti fiz-zmien rilevanti. Dan l-argument huwa msejjes mat-tezi li l-Kummissjoni applikat ligi li ma kinitx vigenti ghall-agir lanjat in kwantu l-Korporazzjoni rikorrenti ma kienitx sindikabbli taht il-Ligi dwar il-Kompetizzjoni Gusta qabel l-1 ta' Mejju 2004 u mid-data tal-emanazzjoni tal-Avviz Legali 6 tal-2001, l-effetti anti-kompetittivi jekk ezistew kienu rizultat ta' dik il-ligi ghal liem ma twegibx il-Korporazzjoni rikorrenti.

L-intimati laqghu ghal dan billi sostnew illi, filwaqt illi jirrikonoxxu li l-Ligi dwar il-Kompetizzjoni Gusta ma kienitx applikabbli qabel l-2004, il-Korporazzjoni rikorrenti baqghet tagixxi b'mod anti-kompetittiv anki wara l-1 ta' Mejju 2004 u li l-iskop tal-ligi huwa rilevanti mhux biss meta sar il-ftehim imma aktar importanti l-perjodu li fih baqa' jigi implimentat dak il-ftehim u ladarba l-Kummissjoni rriteniet esplicitament li l-Korporazzjoni rikorrenti ma tistax tinzamm responsabbli ghall-agir qabel 1 ta' Mejju 2004, id-decizjoni tal-Kummissjoni mhijiex bazata fuq zball tal-ligi applikabbli.

Ikkunsidrat illi l-Kap 379 promulgat bl-Att XXXI tal-1994 beda japplika ghall-Korporazzjoni rikorrenti mill-1 ta' Mejju 2004 bis-sahha tal-Avviz Legali 331 tal-2004 wara li bih thassret l-Ordni tal-Ezenzjoni pubblikat bl-Avviz Legali 144 tal-2002. Dan huwa rikonoxxut mill-kontendenti kollha f'din il-kawza. Dan gie wkoll rikonoxxut mid-Direttur intimat fid-decizjoni tieghu moghtija fis-17 ta' Marzu 2009 li f'paragrafu 51 tal-istess (a fol. 18 tal-process) ikkonkluda s-segwenti:

"49. …At this juncture it is important to point out that the Corporation cannot be held liable for its conduct prior to May 2004 as until such date it is exempt from the provisions of this Act according to the Exemption Order for the purposes of Article 30 of the Competition Act. Indeed it was only when the Minister for Competitiveness and Communications repealed, by virtue of Legal Notice 331 of 2004, the said Exemption Order,

that, Enemalta was rendered subject to the Act with effect from the 1st of May 2004".

F'dan l-istess sens hija d-decizjoni moghtija mill-Kummissjoni li kkonfermat fil-parti intitolata "Decide" paragrafu numru 1 fejn "ikkonfermat l-interezza taghha d-decizjoni tad-Direttur tal-ufficcju tal-Kompetizzjoni Gusta datata 17 ta' Marzu tas-sena 2009".

Ghalhekk huwa car illi d-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust moghtija mill-Kummissjoni fid-29 ta' Marzu 2010 issindakat l-agir tal-Korporazzjoni intimata b'effett mill-1 ta' Mejju 2004 meta l-Korporazzjoni ma baqghatx aktar ezenti mid-disposizzjonijiet tal-Kap 379 izda saret suggetta ghar-regoli previsti f'dak l-Att. L-analizi tad-Direttur intimat u d-decizjoni moghtija mill-Kummissjoni kienu essenzjalment limitati temporalment esklussivament mill-1 ta' Mejju 2004 'il quddiem.

Ghalhekk din il-Qorti ma tirriskontra fir-rigward ebda illegalità fid-decizjoni mehuda mill-Kummissjoni ghal Kummerc Gust.

Fit-tieni parti tal-ilment taghha, il-Korporazzjoni rikorrenti tistrieh fuq l-Avviz Legali 102 tal-2002 li dahal fis-sehh fit-2 ta' Mejju 2002. Dan l-Avviz Legali, li kien gie adottat mill-Ministru responsabbli mis-Servizzi Ekonomici, jidher li kien jirrifletti il-hinijiet tal-gestjoni tal-pompi kontenut fi ftehim bejn il-GRTU u l-Korporazzjoni rikorrenti li kopja tieghu qatt ma giet imressqa a disposizzjoni tal-Qorti. Ghalhekk f'dan ir-rigward il-Qorti ghandha bilfors tistrieh fuq dak li gie dikjarat fid-decizjonijiet moghtija mid-Direttur intimat u mill-Kummissjoni kif ukoll mill-partijiet.

Il-Korporazzjoni rikorrenti tikkontendi li wara d-dhul fis-sehh tal-Avviz Legali, ir-responsabbilità ghal regim li jista' jitqies anti-kompetittiv mhijiex tal-Korporazzjoni ghaliex il-Korporazzjoni la taghmel ligijiet u wisq anqas tista' tinzamm

b'xi mod responsabbli ghall-emanazzjoni tal-istess jew ghall-effetti fuq il-kompetizzjoni li jkollu regim regolatorju implimentat permezz ta' Avviz Legali mill-Ministru responsabbli.

L-Avviz Legali 102 tal-2002 stipula s-segwenti kondizzjonijiet relatati mal-gestjoni tal-attività kummercjali konsistenti fi thaddim ta' pompi tal-karburant u dana huwa rifless fil-hinijiet indikati fit-Tielet Skeda, Parti II:-

(a) bejn it-Tnejn u l-Gimgha bejn is-sitta ta' filghodu (6.00am) u s-sitta ta' filghaxija (6.00pm) u s-Sibtijiet bejn is-sitta ta' filghodu (6.00am) u t-tlieta ta' wara nofsinhar (3.00pm), il-pompi kellhom joffru s-servizzi ta' impjegati biex jassistu lill-konsumatur;

(b) l-uzu ta' pompi awtomatici kellu jkun minghajr ebda restrizzjoni ta' hin;

(c) pompi awtomatici huma pompi li minnhom konsumatur seta' jixtri l-petrol, diesel jew zjut ohra minghajr ma jkun hemm il-bzonn li jkun assistit minn xi hadd.

Skont ir-regolament 50 tal-istess Avviz Legali, ksur tad-disposizzjonijiet tar-regolamenti stipulati fl-Avviz Legali kienet punibbli bi hlas ta' multa.

Il-kwistjoni li tressqet quddiem id-Direttur intimat ma kienitx tieqaf sal-analizi dwar il-legislazzjoni, u dwar jekk tali legislazzjoni kienitx tikser il-Ligi dwar il-Kompetizzjoni.

Il-kwistjoni kienet titratta wkoll l-iskema ta' ghoti ta' kummissjonijiet li l-istess Korporazzjoni rikorrenti holqot favur il-pompi tal-karburant li jibqghu jservu lil pubbliku bejn is-sitta ta' filghaxija u s-sitta ta' filghodu permezz ta' pompi awtomatici u min jikser dan il-ftehim dwar il-gestjoni tal-operat tal-pompi kien jitlef il-beneficcju tal-kummissjoni.

F'dan is-sens il-Korporazzjoni rikorrenti agixxiet b'mod anti-kompetittiv meta rabtet l-eligibilità ghal hlas ta' kummissjoni

mal-mod ta’ distribuzzjoni tal-karburant b’tali mod li kienet qeghda tohnoq is-suq, b’konsegwenzi finanzjarji ghal dawk l-operaturi li xtaqu jiggestixxu l-pompi b’mod differenti. Il-fatt li l-Korporazzjoni rikorrenti ottjeniet bidla fir-regim statutorju sabiex jirrifletti l-hinijiet tal-gestjoni kontenut fil-ftehim anti-kompetittiv li kienet ghamlet mal-GRTU ma jezentahiex mir-responsabbilità taghha.

Fil-fatt il-Korporazzjoni rikorrenti ma rriflettietx biss il-ligi applikabbli izda fil-ftehim li haddmet mal-GRTU marret oltre mir-regim regolatorju sabiex issahhah id-diskriminazzjoni fis-suq tad-distribuzzjoni tal-karburant. Dan baqghet taghmlu kemm qabel id-dhul fis-sehh tal-Avviz Legali 102 tal-2002 kif ukoll wara.

Ghalhekk l-ahhar parti ta’ dan l-ilment tal-Korporazzjoni rikorrenti qieghed jigi ukoll michud.

Ghaldaqstant il-Qorti filwaqt illi qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni, tilqa’ t-tieni eccezzjoni tal-intimati u tichad it-talbiet tal-Korporazzjoni rikorrenti bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------